**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 29 ta' Novembru 2023**

**Rikors Numru: 162/2014 MLF**

**Darrin Muliett u Lorna Muliett**

**vs**

**Saviour Galea**

Il-Qorti

1. Rat l-avviz tal-atturi fejn talbu sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' Euro 4530.55 rapprezentanti danni sofferti kawza ta' xoghol hazin li sar mill-konvenut meta pogga l-madum fir-residenza tar-rikorrenti kif ser jirrizulta waqt il-kawza. Bl-ispejjez u bl-imghax.

2. Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

   i. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li x-xogholijiet saru skont is-sengha u l-arti u kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu micuha bl-ispejjez.

3. Rat li b'digriet tat-23 ta' Frar 2015, din il-Qorti innominat lil Perit Alistair Avallone bhala perit tekniku sabiex jirrelata dwar it-talbiet tal-atturi u l-eccezzjoni tal-konvenut, wara li jzomm access u jisma' x-xhieda.

4. Semghet ix-xhieda tal-perit tekniku, rat id-dokumenti u l-atti kollhaipprezentati.

5. Rat li l-atturi irrimettew rwiehhom ghar-rapport tal-Perit Avallone u rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Perit.

6. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Il-Fatti**

7. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   i. L-atturi kienu inkarigaw lill-konvenut sabiex iwettaq xoghol ta' tqeghid ta' madum fil-fond taghhom. Dan il-madum kien tat-tip gres *rectified* b'qies ta' 80cm x 80cm.

   ii. L-attur Darrin Muliett xehed li l-konvenut kien ukoll inkarigat sabiex jiehu hsieb li tingieb it-torba fil-fond fejn kellu jitwahhal il-madum. Spjega li l-konvenut kien qallu biex ma jxarrabx it-torba ghaliex jekk jaghmel dan il-konvenut kien isibha iebsa meta jigi biex ipoggi l-madum. Xehed li l-konvenut kien qallu wkoll li ma kienx hemm il-htiega li ssir sodda tal-konkos taht il-madum ghaliex skond il-konvenut dak kien xoghol zejjed. Kompla jixhed li l-konvenut l-ewwel beda bix-xoghol fil-pjan terran u li x-xoghol kien jidher li qieghed isir sewwa. Qal li meta l-konvenut kien beda bix-xoghol fil-pjan sotterran, kien innota li l-hxuna tal-fili bejn il-madum kienet tvarja. Spjega li meta gibed l-attenzjoni tal-konvenut dwar dan, il-konvenut kien qallu li kien ser jiftah il-fili bic-chaser, izda meta l-konvenut ghamel dan il-madum beda jixxellef.

   iii. L-attur kompla jixhed li waqt li l-konvenut kien ghaddej b'dawn ix-xogholijiet, huwa kien induna li l-madum imqieghed mill-konvenut fil-pjan terran kien ghamel moviment fis-sens li partijiet mill-madum kien beda jinzel l-isfel. Qal li meta talab spjegazzjoni lill-konvenut dan kien qallu li ma kienx jaf x'gara ghaliex din kienet l-ewwel okkazjoni fejn kien qieghed madum tal-qies 80cm x 80cm tant li l-konvenut kien qallu li kien issellef giljottina minghand terzi biex ikun jista' jahdem. L-attur

kompla jixhed li meta ra dan huwa kien qal lill-konvenut sabiex ma jkomplix bix-xogholijiet. Spjega li l-atturi permezz tal-avukat difensur taghhom kienu interpellaw lill-konvenut sabiex jaqla' dan il-madum li kien twahhal b'mod hazin. Xehed li stante li ma kienux ircevew ebda risposta minghand il-konvenut, u peress li ma setghux jistennew aktar ghaliex dak iz-zmien kienu qeghdin jikru residenza alternattiva, l-atturi kienu inkarigaw terzi biex jaqilghu dan il-madum u jqeghdu madum iehor minfloku.[1]

iv. Il-Perit Philip Micallef, perit *ex parte* tal-atturi, wara li spezzjona x-xogholijiet imwettqa mill-konvenut ikkonkluda li:

> *"1. The flooring is not laid level and there is an overall change in level of circa 2cm.*
> *2. The alignment between the daily laying has been mistakenly calculated and subsidence due to drying has occured after the tiles have been laid. This has resulted in a change in level between tiles which varies circa 2 – mm. This defect can be easily noted as one walks over the tiles."*[2]

v. Il-konvenut xehed li huwa ma kellu ebda diffikulta biex iqieghed il-madum tal-qies li kellhom l-atturi u li fil-passat kien qieghed madum ikbar minnu. Il-konvenut ikkonferma li l-ftehim mal-atturi kien li jintuzaw *spacers* ta' 2mm. Xehed li x-xoghol kien sar minnu u minn ibnu Nicholai Galea. Spjega li fl-ewwel gurnata huwa kien qieghed is-sieq u qal lill-atturi sabiex jigu jaraw ix-xoghol, u li dawn kien ghogobhom u qalulu li seta' jkompli. Qal li huwa kien ixarrab it-torba waqt li jkun ghaddej bix-xoghol u li kien qal lill-attur biex ma jxarrabhiex ghaliex l-ewwel din tkun trid tigi nvellata. Xehed li fi zmien gimgha kien lesta x-xoghol fil-pjan terran u li matul dik il-gimgha l-attur kien jigi kuljum u qatt ma gibidlu l-attenzjoni li x-xoghol ma kienx qieghed joghgbu. Kompla jghid li kien lesta wkoll l-i*skirting* u l-*grounting* tal-pjan terran.

---

[1] Ara x-xhieda tal-attur moghtija waqt l-access mizmum mill-perit tekniku a *fol*. 64 tal-process, ix-xhieda in ezami moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Gunju 2015 a *fol*. 82 tal-process, u x-xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tal-1 ta' Marzu 2016 a *fol*. 95 tal-process
[2] Ara r-rapport tal-Perit Philip Micallef a *fol*.150 tal-process

vi. Il-konvenut kompla jixhed li meta gie biex jibda jqieghed il-madum fil-pjan sotterran, huwa kien talab lill-attur ihallsu somma ta’ €1,000. Xi gimgha wara l-attur kien hallsu €500. Qal li lill-attur kien gibidlu l-attenzjoni li l-madum li l-atturi kienu akkwistaw ghal pjan sotterran kien ivarja fil-qies u ghalhekk ma setghax jitpogga bil-fil ta’ 2mm. Xehed li xi zmien wara kien cempillu l-attur u qallu biex jiehu l-perit tieghu ghaliex kien gara xi haga fil-madum, izda imbghad fid-data mifthema l-attur kien ser isiefer. Qal li meta l-attur rega cempillu kienu ghaddew hafna xhur.[3]

vii. Nicholai Galea xehed li huwa kien imur jghin lil misiseru l-konvenut meta dan kien qieghed jahdem fil-fond tal-atturi. Xehed li l-attur kien imur ta’ spiss waqt ix-xoghol u kien jghid lil missieru li x-xoghol kien qieghed joghgbu. Spjega li huma kienu qeghda l-madum kollu fil-pjan terran, wahhlu l-i*skirting* u ghamlu l-*grounting*.[4]

viii. Fir-relazzjoni tieghu, il-perit tekniku Alistair Avallone ikkonkluda, *inter alia*, hekk:[5]

- *“L-esponent m’ghandux il-prova certa li fil-fatt wara li kien tqieghed il-madum mill-konvenut, kienu rrizultaw diversi difetti. L-ahjar u l-unika prova hija x-xiehda guramentata tal-Perit Micallef, imqabbad mill-attur, li kien evidenza hu stess id-difetti msemmija fir-rapport prezentat bl-affidavit anness b’referenza (Dok. D).*

- *Mill-esperjenza ta’ l-esponent u minn pariri li inghata minn persuni ohra li jqeghdu madum, is-sengha titlob li madum kbir gres idealment ghandu jitqieghed bil-kolla fuq sodda tal-konkos invellata. Madanakollu, f’kaz li ma ssirx sodda tal-konkos, is-sengha titlob li ta’ l-inqas it-torba ta’ taht madum gres, partikolarment b’qisien kbar bhal dan tal-80 b’80cm, ghandha tigi mwittija u mxarrba sew ghal darba darbtejn xi ftit jiem qabel jitqieghed il-madum sabiex tilhaq toqghod, tissettja u titballat sewwa. Barra minn hekk, hija l-prattika generali li t-torba terga’ tixxarrab waqt it-tqeghid tal-madum*

---

[3] Ara x-xhieda tal-konvenut moghtija waqt l-access mizmum mill-perit tekniku a *fol.* 64 tal-process, waqt is-seduta tal-14 ta’ April 2016 a fol. 100 tal-process u l-kontro-ezami tieghu a *fol.* 106, *fol.* 116 u *fol.* 123 tal-process

[4] Ara x-xhieda ta’ Nichaol Galea waqt is-seduta tat-12 ta’ Mejju 2016 a *fol.* 103 tal-process

[5] Ara l-konkluzjonijiet kollha tal-perit tekniku a *fol.* 58 tal-process

*bit-tajn u l-kolla sabiex jigi zgurat li din ma tkunx xotta u b'hekk ma tigbidx il-madum 'l isfel.*

- *Fil-fehma ta' l-esponent, il-konvenut, bhala l-espert inkarigat mill-attur ghat-tqeghid tal-madum, kien obbligat li jaghti parir u jinforma lill-attur dwar il-htiega li tinghata sodda tal-konkos invellata sabiex fuqha jitqieghed il-madum bil-kolla, altrimenti, ried jinforma lill-attur dwar il-htiega ta' torba mxarrba u mballta sew qabel jibda jitqieghed il-madum.*

- *Is-sengha titlob ukoll li in generali, spacers li jintuzaw ghal dan il-kobor ta' madum ikunu ta' l-inqas 3 jew 4mm, peress li bi spacers ta' 2mm hemm ic-cans li l-madum jaghmel moviment ladarba ma jkollux spacing' bizzejjed biex jakkomoda l-'expansions / contractions' tieghu. Tant li fuq il-kaxxi tal-kartun tal-madum stess ta' per ezempju qisien 60 b'60cm, generalment ikun hemm miktub li spacers ta' 3mm ghandhom jintuzaw*

- *Jekk kif stqarr il-konvenut li qabel beda x-xoghol, kien hemm ftehim bejniethom li l-fili tal-madum kellhom ikunu 2mm, l-esponent huwa tal-fehma li l-konvenut, bhala l-persuna esperta inkarigata mill-attur ghat-tqeghid tal-madum, kellu l-obbligu jinforma lill-attur li mill-esperjenza u s-sengha kienet titlob 'spacing' ta' fili ftit ikbar minn 2mm.*

- *Iktar ma l-maduma tkun kbira, iktar l-i'spacer' trid tkun kbira u ghalhekk, spacers ta' madwar 3 sa 4mm huma mehtiega ghal madum ta' qisien 80 b80cm Ghalhekk, bil-konfermazzjoni tal-konvenut li kien uza spacers'ta 2mm, dan seta' wkoll wassal sabiex il-madum ghamel il-movimenti li stqarr l-attur, minhabba n-nuqqas ta' spacing adekwat.*

- *L-esponent huwa ta' l-opinjoni li jistgħu jigu prezentati taht gurament, ir-ricevuti ta' l-ispiza sabiex inqala' l-madum li kien qieghed il-konvenut, biex saret is-sodda tal-konkos, u l-ispiza sabiex rega' tqieghed il-madum bil-kolla. Jinhass li din il-materja tista' tigi ezawrita iktar fid-dettall. Madanakollu, l-esponent hu ta' l-opinjoni li l-ammont ta' €4,530.55 li*

*ghandu jithallas l-attur, rapprezentant danni sofferti minnu kagun tax-xoghol tal-konvenut, hu ragonevoli meta wiehed jikkonsidra l-ispejjez li saru sabiex inqala' l-madum, u rega' tqieghed madum gdid fuq is-sodda tal-konkos li saret.*"

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin ifittxu li jithallsu s-somma ta' €4,830.55 rapprezentanti danni allegatament sofferti minnhom b'kawza ta' xoghol ta' tqeghid ta' madum ezegwit mill-konvenut u li l-atturi jikkontendu ma kienx skond is-sengha u l-arti. Da parti tieghu, il-konvenut jecepixxi li huwa ezegwixxa x-xoghol tieghu skond is-sengha u l-arti u li ghalhekk it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda.

9. Mill-atti processwali johrog b'mod car il-kunflitt fil-verzjonijiet tal-partijiet dwar il-kwalita' tax-xogholijiet ezegwiti mill-konvenut. Filwaqt li minn naha l-wahda l-attur xehed li huwa kien waqqaf lill-konvenut mill-inkarigu meta intebah li kienu qeghdin jemergu diversi difetti fix-xoghol, minn naha l-ohra l-konvenut jikkontendi li ma kienx l-attur li waqfu izda kien hu stess li ma kompliex bix-xogholijiet fil-pjan sotteran ghaliex kien hemm varjazzjoni fil-qisien tal-madum f'dan il-livell.

10. Huwa principju ben assodat illi f'kawzi ta' natura civili meta rinfaccjat b'zewg verzjonijiet li huma kumfliggenti, jew sahansitra opposti ghal xulxin, il-gudikant ghandu jezamina jekk xi wahda minn dawk il-verzjonijiet teskludix lill-ohra u dan fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita', tal-konsistenza u verosomiljanza. F'dan ir-rigward fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi nomine**, deciza fit-28 ta' April 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili[6] inghad illi:

    *"Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-*

[6] *Per* Imhallef Philip Sciberras, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza moghtija fid-19 ta' Gunju 2006

*istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo;*
*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319);".*

11. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et,** deciza fl-24 ta' Marzu 2004 mill-Qorti tal-Appell (sede inferjuri)[7] inghad illi:

*"Huwa pacifiku f`materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*
*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra;*
*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*
*... ...*
*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita, u specjalment dawk tal-konsistenza u veromiljanza, ghandhix teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L p II p 440."*

12. B'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-provi mressqa fl-atti ta' din il-kawza, il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li f'dan il-kaz ghandha tati kredibilita' lil verzjoni tal-atturi u dan ghas-segwenti ragunijiet. Fl-ewwel lok jirrizulta li l-verzjoni tal-atturi giet

[7] *Per* Imhallef Philip Sciberras

korroborata mill-Perit Philip Micallef, perit *ex parte* tal-atturi, li acceda fuq il-post u kkonstata huwa stess id-difetti fix-xoghol tal-madum li kien gie mqieghed fil-fond tal-atturi. Il-Perit Micallef irrediga rapport li jinkludi fih ritratt li juri d-dizlivell li minnu kienu qeghdin jilmentaw l-atturi.[8] Fix-xhieda tieghu quddiem il-perit tekniku, il-Perit Micallef kompla jispjega hekk: "*Meta kont mort fuq il-post, kont innutajt diversi difetti bhal xfur u dizlivell bejn il-madum, u qlib in generali ta' l-art. Meta kont rajt ix-xoghol, dawn ix-xfur kienu bejn tqeghid ta' gurnata u ta' gurnata ohra.*"

13. Fit-tieni lok, mill-konkluzjonijiet tal-perit tekniku jirrizulta li meta l-madum ikun ta' qies bhal ma kien dak installat mill-konvenut jew akbar, is-sengha tirrikjedi li l-madum jitqieghed fuq sodda tal-konkos u mhux fuq it-torba. Mill-istess konluzjonijiet jirrizulta li ezercizzju alternattiv huwa li jekk il-madum ikun ser jitqieghed fuq it-torba, din ghandha tigi mxarrba sew, titballat, u tithalla toqghod qabel ma jigi imwahhal il-madum. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut ma applikax l-ebda wiehed minn dawn il-metodi u minflok beda jxarrab it-torba waqt l-andament tax-xoghol. Addirittura jirrizulta li meta l-attur issugerixxa li ssir is-sodda tal-konkos, il-konvenut kien qallu li dak kien xoghol zejjed.

14. Fit-tielet lok, mill-istess konkluzjonijiet tal-perit tekniku jirrizulta li f'kaz ta' madum kbir bhal ma kien pogga l-konvenut fil-fond tal-atturi, huma mehtiega *spacers* ta' madwar 3mm sa 4mm mentri l-konvenut, fuq ammissjoni tieghu stess, uza *spacers* ta' 2mm. Skond il-perit tekniku dan ukoll seta' wassal sabiex il-madum ghamel il-movimenti li minnhu jilmentaw l-atturi. Fix-xhieda tieghu in eskussjoni, l-perit tekniku kompla jispjega li *spacers* ta' 2mm jistghu jigu utilizzati f'kaz fejn il-kmamar ikunu izghar u allura l-effett tal-moviment tal-madum ikun inqas.

15. Fin-nota ta' sottomissjonijet tieghu, il-konvenut jittenta johloq dubju dwar il-kwalifici tal-perit tekniku u l-konluzjonijiet raggunti minnu. F'dan ir-rigward il-Qorti tinnota li minkejja l-kritika tieghu, il-konvenut ma ressaq ebda prova teknika li tirribatti r-rapport tal-perit tekniku inkarigat minnha u lanqas talab il-hatra ta' periti addizzjonali. Hija gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna fir-rigward ta' konkluzjonijiet maghmula minn periti teknici, li ghalkemm il-Qorti mhijiex marbuta li taddotta tali konkluzjonijiet,

[8] Ara r-rapport tal-Perit Philip Micallef a *fol*.150 tal-process

madankollu dawn lanqas ghandhom jigu mwarrba jekk mhux ghal ragunijiet li jirrizultaw mill-provi in atti. Il-Kodici ta' Procedura Civili jipprovdi ghal rimedji f'cirkostanzi fejn parti ma taqbilx mar-rapport ta' perit tekniku, fosthom dak li titlob il-hatra ta' perit addizzjonali. Madankollu dik il-parti li ma taqbilx mal-kontenut ta' dak ir-rapport u li ma tkunx ghamlet uzu mir-rimedji provduti fil-ligi, ma tistax imbaghad tippretendi li l-Qorti twarrab dak ir-rapport, partikolarment meta dan ikun maghmul minn espert tekniku inkarigat biex jezamina kwistjoni teknika.

16. Fis-sentenza fl-ismijiet **Giswarda Bugeja et vs Emanuele Muscat et** moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Gunju 1967, gie ritenut illi:

> *"In generali tajjeb ukoll li jigi rilevat illi ghalkemm hu veru li fid-dritt (artikolu 681 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili) l-Qorti mhiex marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha innifisha ("dictum ex-pertorum numqum transit in rem judicatam") u l-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali struttorji ohrajn kontrollabli mill-gudikant, b'dana kollu il-"giudizio dell`arte" espress mit-tekniku ma jistax u m'ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta' lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali, jigi skartat facilment ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konklusjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli."*

17. Il-Qorti tqis li l-konvenut kellu l-obbligu illi jwettaq xogholu b'mod tajjeb, skont l-arti u s-sengha u b'garanzija ghall-kwalita' tal-istess xoghol ezegwit minnu. L-obbligu fuq il-konvenut, bhala l-persuna inkarigata mill-attur sabiex jezegwixxi appalt li jirrikjedi certu livell ta' sengha, kien jinkludi dak li jindika lill-attur l-ahjar mod kif jigi ezegwit ix-xoghol u mhux bil-maqlub. B'zieda ma dan, il-Qorti tqis li ma hijiex skuza ghall-konvenut li jghid li l-atturi kienu jaccedu fuq il-post ta' kuljum waqt li huwa kien qieghed ipoggi l-madum tal-pjan terran u li qatt ma kienu lmentaw mieghu dwar il-kwalita' tax-xoghol. Dan qieghed jinghad ghaliex l-appaltatur ma jistax jehles mir-responsabilita' tieghu ghax-xoghol maghmul minnu billi jargumenta li hadd ma waqqfu u dan in vista tal-obbligi legali u kuntrattwali assunti minnu meta accetta l-inkarigu

moghti lilu. Kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[9] fis-sentenza tagħha **Joseph Brownrigg nomine vs Mario Spiteri**, deciza fis-27 ta' Gunju, 2003, l-appaltatur m'huwiex meħlus mir-responsabilita' avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xogħol. Il-verifika u l-approvazzjoni ġeneralment isiru għall-finijiet tal-ħlas, iżda b'daqshekk ma jiġix eżonorat mir-responsabilita' jekk nonostante kontroll diliġenti fil-mument tal-verifika, 'l quddiem jinstab li x-xogħol ma sarx sew.

18. Fir-rigward tal-*quantum* tad-danni pretizi mill-atturi, il-Qorti tinnota li ghalkemm mill-atti ma jirrizultax li gew prodotti r-ricevuti tal-ispejjez inkorsi mill-atturi sabiex jinqala' l-madum impoggi mill-konvenut, issir sodda tal-konkos u jigi mpoggi madum gdid, fil-konkluzjonijiet tieghu l-perit tekniku spjega li l-ammont pretiz mill-attur huwa wiehed ragonevoli tenut kont tax-xoghol involut. Stante li ma giet prodotta ebda prova ohra li b'xi mod ghandha twassal lil din il-Qorti sabiex tiskarta l-gudizzju espress mill-perit tekniku, il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talba tal-atturi fl-intier taghha.

**Konkluzjoni**

19. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Tichad l-eccezzjoni tal-konvenut;

    2. Konsegwentement, tilqa' t-talba tal-atturi u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' erbat elef hames mija u tletin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€4,530.55), bl-imghax mill-10 ta' Gunju 2014, data tan-notifika tal-avviz promotur, sad-data tal-pagament effettiv;

20. L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**

[9] *Per* Imhallef Philip Sciberras.